MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1288/2000/1

**Malta Freeport Corporation Limited**

**Vs**

**Joseph Sammut u Frans Ghirxi**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illi f'zewg artikoli ntitolati "Imwarrba l-Procedura f'Impiegi Godda fil-Freeport" u "Minn tal-Pieta' ghall-Birzebbugia" ippubblikati rispettivament fl-ewwel u fit-tielet faccata tal-harga ta' "L-Orizzont" tad-19 ta' Gunju, 2000 (Dok. A) – ta' liema pubblikazzjoni l-konvenuti huma rispettivament l-

awtur u l-editur – gew attribwiti **dikjarazzjonijiet foloz** fil-konfront tas-socjeta' attrici li l-konvenuti kienu jafu jew bid-diligenza xierqa setghu jkunu jafu li huma foloz u li x'aktarx jaghmlu hsara lin-negozju tas-socjeta' attrici;

U peress illi s-socjeta' attrici, li fil-konfront taghha saru d-dikjarazzjonijiet foloz ghandha d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artiklu 29 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-artikli surriferiti ppubblikati fl-ewwel u fit-tielet faccati tal-harga ta' "L-Orizzont" tad-19 ta' Gunju, 2000 huma libelluzi billi jikkontjenu dikjarazzjonijiet foloz li x'aktarx jaghmlu hsara lin-negozju tas-socjeta' attrici; u

2. Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta' attrici somma li ma teccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b'applikazzjoni tal-Artiklu 29 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Ghirxi a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi fil-kitba "de quo" hemm biss fatti u "fair comment" fuq l-istess.

2. Illi l-eccipjent ma hux l-awtur ta' l-artikolu principali.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permess mil-Ligi.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Sammut a fol. 13** tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi dak miktub fil-kitba in kwistjoni hu sostanzjalment veru u jigi ppruvat.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Artikoli inkriminati**

L-atturi qed joggezzjonaw ghall artikoli intitolati "Imwarrba l-Proceduri Mehtiega f'Impiegi Godda mal-Freeport" ippublikat fl-ewwel faccata u "Minn tal-Pieta ghall Birzebbuga", ippublikat fit-tielet faccata tal-harga ta' l-Orizzont tat-Tnejn 19 ta' Gunju 2000. Il-konvenut Joseph Sammut, kien l-awtur tal-kitba li dehret fit-tielet faccata tal-harga msemmija mentri l-editur fl-ewwel pagna gibed l-attenzjoni tal-qarrejja ghall kitba ta' Sammut.

Fost affarijiet ohra qed jigi allegat li:

fuq l-ewwel faccata

"Il-Korporazzjoni tal-Freeport impjegat zewg persuni minghajr ma ghamlet talba lill-Korporazzjoni ghax Xoghol u Tahrig (ETC) biex l-impiegi jsiru minn fost dawk li jirregistraw ghax-xoghol. …. Fil-kaz taz-zewg impjegati ma sar xejn minn dan u l-impiegi saru diretti".

fit-tielet faccata tal-harga

"Il-Freeport, dan kollu kisru. Fil-Freeport, fix-xhur li ghaddew gew impjegati persuni li la kienu jirregistraw ghax-xoghol, la applikaw ghal xi post li l-Freeport irreklama u lanqas qaghdu ghal xi forma ta' intervista jew bord ta' ghazla. Jien informat b'zewg kazi partikolari. Iccekjathom sew. M'hemmx dubju. … It-tnejn li huma qatt ma ghamlu gurnata jirregistraw ghax-xoghol.

Il-Korporazzjzoni tal-Freeport, kontra kif hija rikjesta mil-ligi, m'ghamlet l-ebda talba lill Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig. Impjegat haddiema godda maghha, hekk, qisha mhu qed taghmel xejn hazin. Qisu ma gara xejn. Qisha kumpanija privata. Thaddem lil min trid u kif trid. 'Il fuq mil-Ligi !

**Kontestazzjoni**

Il-konvenuti qed isostnu li fejn jirrigwarda Joseph Scerri l-process ma kienx trasparenti u kien ivvizzjat mill-proceduri maqbuza, usurpanzi ta' permessi li ma jirreferux ghall-impieg partikolari u ngagg ta' persuna li kontra l-process kollu, ma kienx jirregistra ghax-xoghol ma' l-ETC. Kif ukoll inkluzjoni ta' applikazzjoni fil-process ta' accounts clerk meta dwar tali applikazzjoni kien evidenti ghall ahhar li qatt ma kellha tigi inkluza u dan billi ma kellux il-kwalifiki rikjesti u l-applikazjzoni tieghu lanqas biss kienet iffirmata. Ghalhekk l-applikazjzoni tieghu kellha tigi skartata mill-ewwel.

Fil-kaz ta' Erika Gauci din ma kelliex esperjenza f'sistemi manwali jew komputerizzati ta' *accounts, sales* or *purchase* ledger. Ma l-ETC hija qatt ma applikat bhala *accounts* imma *receptionist*.

Il-konvenuti jsostnu li l-kitba *de quo* kienet *value judgment* fuq sustanza ta' fatti. Da parti tal-konvenut editur ta' l-Orizzont, hu kemm ippermetta lill *columnist* tieghu li jxandar dak li kiteb fil-gurnal u l-istess editur gibed fl-ewwel pagna l-attenzjoni tal-qarrejja ghall kitba ta' Sammut.

Minn naha l-ohra l-atturi jirritjenu li huma dejjem osservaw skrupolozament il-proceduri kollha stabilit mill-ligi u mill *policies* tal-Gvern billi ghamlu t-talbiet relattivi mal-ETC, irreklamaw *vacancies* fil-gurnali u ghamlu l-*interviews* normali li jsiru f'kazi simili. Illi d-dikjazzjonijiet li dehru fil-gurnal huma foloz u jaghmlu hsara lin-negozju tas-socjeta' attrici u huma kategorikament michuda, ghalhekk l-artikolu hu libelluz.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

"F'materja ta' ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegati*on of fact*" u dak li huwa "*comment*". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'*comment'* biex ikun gustifikat irid ikun "*fair and bona fide*", u ma jistax ikun "*fair u bona fide*" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" ("Reginald Miller vs Harold Scory" - XXXVI.iv.843.).

Il-konvenuti qed isostnu li

- l-ebda wahda miz-zewg persuni imsemmija fl-artikolu ma kienet qed tirregistra ghax-xoghol mal-ETC meta giet impjegata mill-atturi.

- Iz-zewg persuni applikaw ghal xoghol li huwa differenti minn dak li eventwalment gew impjegati fihom: **Joseph Scerri** kien applika ghall accounts clerk minghajr kwalifiki u gie impjegat bhala *operations clerk*; **Erika Gauci** applikat ghall *accounts clerk* minghajr ma kellha esperjenza u giet ingaggjata fil-*legal department*.

Fl-artikolu inkriminat qed jigi allegat li

Il-Korporazzjoni tal-Freeport impjegat zewg persuni minghajr ma ghamlet talba lill-Korporazzjoni ghax Xoghol u Tahrig (ETC)

Il-Freeport, impjegati persuni li la kienu jirregistraw ghax-xoghol,
la applikaw ghal xi post li l-Freeport irreklama,
la qaghdu ghal xi forma ta' intervista jew bord ta' ghazla.

Il-Freeport lil min trid u kif trid. 'Il fuq mil-Ligi !

**Provi**

Edwin Mallia  rapprezentant ta' l-ETC xehed dwar il-procedura li trid tigi segwita fil-kaz ta' impieg. Hu qal li meta l-Freeport jigu biex idahhlu n-nies, l-ewwel avvicinaw

lill ETC, jaghmlu *request* x'iridu. Huma jsibulhom nies minn fuq ir-registru ta' dawk li huma *unemployed*, u l-atturi jaghzlu minnhom, u jekk ma jsibu lill hadd jew ma jsibux bizzejjed jaghtuhom permess li jaghmlu riklami u jdahhlu nies minn barra. Huma anke jaghtuhom lista ta' nies li jkunu fit-tielet parti tar-registru cjoe ta' dawk li jkunu mpjegati diga izda jkunu qed ifittxu xoghol alternattiv. F'dan il-kaz il-Freeport kien ghamel *request* ghall *accounts clerk* u ghall *operations clerk*. Hu esebixxa *history* ta' Erica Gauci u Scerri fol 53-55. Gauci u Scerri kienu applikaw minn barra wara li sar ir-reklam. Joseph Scerri kien applika ghall *accounts clerk*, izda ma sabuhx tajjeb ghall dan ix-xoghol u accettawh ghal *operations clerk*. Kien hemm tlett kazi ohra bhalu. Ix-xhud ikkonferma li l-atturi kienu talbu l-permess ta l-ETC biex jimpjegaw lill Scerri u lill Gauci. Huma kien approvaw li Scerri minn *accounts clerk* jidhol ghal *operations clerk*. Dawn iz-zewg persuni gew impjegati skond il-procedura u ntalbu l-permessi ghalihom.

Frank Azzopardi, Human Resource Manager, ma' l-atturi esebixxa d-dettalji dwar il-kaz ta' Gauci (a fol 73) u ta' Scerri (a fol 74). Hu kkonferma li kienu talbu permess mill ETC biex jirreklutaw *accounts clerk* fejn eventwalment fost persuni ohra gie ingaggat Joseph Scerri bhala *operations clerk*. Hu qal li kienu ghaddejin zewg listi *concurrently* allura kien hemm min ma kienx adattat ghal *accounts clerk* imma kien adattat ghall *operations clerk* u huma ghazluh. Scerri kien applika ghall *accounts clerk* u kienu nfurmaw lill ETC li kellhom 4 persuni, fosthom Scerri, li nstabu tajbin ghal *operations clerk* permezz tal-ezercizzju ghall *accounts clerk*. Huma kellhom l-*acknowledgement* tal-ETC. Fiz-zewg kazi, kemm ta' Scerri kif ukoll ta' Gauci, huma kellhom ingagg bil-permess tal-ETC, u saru l-*adverts* ghal ingagg minn barra bil-permess tal ETC. Fil-kaz ta' Scerri ghall *operations clerk* kien bizzejjed sa skola sekondarja cjoe l-ekwivalenti ta' 9 GCE. Fil-kaz ta' Gauci fic CV hi kellha l-kwalifiki u potenzjal u fil-fatt kellha r-rekwiziti akkademici pero l-esperjenza taghha kienet ta' segretarja. Fil-kaz taghha wkoll sar l-interview ma l-ohrajn kollha jigifieri din mhux xi haga li qabdet u dahlet mit-triq imma ghaddiet mill-process kollu.

**Tikkunsidra**

Kwantu ghall allegazzjoni tal-konvenuti li l-Korporazzjoni tal-Freeport impjegat iz-zewg persuni msemmija minghajr ma ghamlet talba lill-ETC mill-provi prodotti kemm bhala xhieda kif ukoll bhala dokumenti ma jirrizultax li dan kien hekk. Edwin Mallia rapprezentant tal-ETC ikkonferma li l-atturi kienu talbu l-permess tal-ETC biex jimpjegaw lill Scerri u lill Gauci u li l-ETC kienet approvat li Scerri minn *accounts clerk* jidhol bhala *operations clerk*. Kemm Scerri kif ukoll Gauci gew impjegati skond il-procedura u ntalbu l-permessi ghalihom mill-atturi.

Il-konvenuti qed jallegaw li z-zewg persuni ndikati ma kienux applikaw ghal xi post li l-Freeport irreklama ghalih. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu talbu l-permess tal-ETC biex jaghmlu r-reklami fil-gazzetti u effettivament dawn ir-riklami kienu deheru fil-gazzetti (ara dok ezibiti). Joseph Scerri xehed li kien ra *advert* fuq il-gazzetta u kien applika. It-talba tieghu kienet ghall *accounts clerk* pero' meta applika u gie *interviewed* sabuh tajjeb ghall *operations clerk* u gie mpjegat hekk. L-istess xehdet Erica Gauci li kienet rat *advert* fil-gazzetta u applikat u baghtu ghaliha ghall *interview* u giet *short listed*. Frank Azzopardi, Human Resource Manager ma' l-atturi kkonferma li z-zewg persuni msemmija kienu qghadu ghall *interview* u gew ingaggjati skond il-procedura.

Il-konvenuti jsemmu fl-artikolu li Scerri u Gauci qatt ma kienu irregistraw ghax-xoghol u gew impjegati a skapitu ta' dawk l-eluf li kienu qed jirregistraw.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti, kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti ezibiti li l-atturi mxew skond il-procedura stabilita mill-ligi u kienu gabu l-permessi mill-ETC meta mpjegaw lill Joseph Scerri u lill Erika Gauci. Jirrizulta li r-riklami ghall ingagg minn barra saru meta l-listi li pprovvdulhom l-ETC ma kienux sufficjenti u Scerri u Gauci kienu applikaw minn barra minhabba f'hekk meta

dehru r-riklami fil-gazzetti. Dan setgha jsir anke jekk il-persuni indikati ma kienux qed jirregistraw.

Kwantu ghall Scerri jirrizulta li dan kien instab tajjeb ghall *operations clerk* ghalkemm kien applika ghall *accounts clerk* u dina kienet harga li tista ssir bil-permess tal-ETC liema permess kien inghata. Inoltre Scerri ma kienx l-uniku wiehed li kien intghazel bhala *operations clerk* minflok *accounts clerk* imma kien hemm ohrajn bhalu.

Kwantu ghall Erica Gauci din kellha O Level u A Level fl-*accounts* u kienet hadmet fl-*accounts* mal-Multicomm Ltd. Kienet ghamlet zmien bhala *receptionist* u zmien fl-*accounts* izda mal ETC nizzluha bhala *receptionist* billi hija kienet hekk impjegata meta fittxet xoghol iehor. Frank Azzopardi xehed li fIc-CV Gauci kellha l-kwalifiki u potenzjal u fil-fatt kellha r-rekwiziti akkademici pero' l-esperjenza kienet dik ta' segretarja. Ma kienx il-kaz li din qabdet u dahlet mit-triq imma ghaddiet mill-process kollu.

Jirrizulta ghalhekk li l-fatti attribwiti lill atturi mill-konvenuti ma jirrizultawx li huma vera konsegwentement il-kummenti tal konvenuti ma jistghux jigu kunsidrati bhala *fair*.

L-allegazzjoni li l-atturi kissru l-ligi u li huma 'l fuq mill-ligi hija certament malafamanti.

Kwantu ghall-konvenut editur jirrizulta li dan ma kienx kiteb l-artikolu imma kien ippermetta l-kontributur fil-gazzetta jesprimi l-opinjoni tieghu.

Dwar hsara li allegatament saret lin-negozju ta' l-atturi ma ngabux provi dwarha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet attrici

tiddikjara illi l-artikli surriferiti ppubblikati fl-ewwel u fit-tielet faccati tal-harga ta’ “L-Orizzont” tad-19 ta’ Gunju, 2000 huma libelluzi billi jikkontjenu dikjarazzjonijiet inkorretti;

Tikkundanna lill konvenut Joseph Sammut ihallas is-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400) lis-socjeta’ attrici u lill Editur tikkundannah ihallas is-somma ta’ mitt lira maltin (Lm100),  bhala danni b’applikazzjoni tal-Artiklu 29 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Spejjez ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------